MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 859/2008/1

**Raymond Pace**

**v.**

**Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Awwissu, 2008 ir-rikorrenti Raymond Pace ppremetta:

Illi l-esponent, li huwa xufier u membru tal-ghaqda White Taxi Amalgamated li hija assocjata mal-Federazzjoni tat-Trasport Pubbliku, ha parti flimkien ma’ mijiet ohra ta’ sewwieqa f’azzjoni ta’ strajk ta’ protesta li sehh f’nofs Lulju, 2008;

Illi sussegwentement l-esponent gie mixli illi flimkien ma’ persuna ohra, fil-15 ta’ Lulju 2008, fil-Belt Valletta, quddiem Kastilja (1) ifforma gemgha ta’ tlett persuni jew aktar u ghal kull hsieb li jkun, b’mod tali u taht cirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixta, ghadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xort’ ohra li setghu jgibu twerwir u biza’ fost in-nies f’Malta bi ksur tal-Artikolu 79 tal-Kap. 9; (2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min-nies, jew aktar, migbura bil-hsieb li jaghmlu reat, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar bi ksur tal-Artikolu 68(2) tal-istess Kap.; (3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ifforma parti minn gemgha ta’ tnax-il persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita` kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn djarhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 80 tal-istess Kap.; u (4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod

iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (e) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fil-25 ta’ Lulju 2008 l-esponent, wara li bi qbil mal-prosekuzzjoni

ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, gie misjub hati tal-istess akkuzi. Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex taghti sentenza li biha kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin u ghal multa ta' elf, mija u hamsa u sittin Ewro (€1,165) (vide Dok. RP1);

Illi l-esponent appella mis-sentenza fuq imsemmija fuq il-piena u qed jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi tnaqqas il-piena u taghtih piena aktar moderata u addatta fic-cirkostanzi tal-kaz (vide Dok. RP2);

Illi fit-30 ta' Lulju 2008 intbaghtet ittra lill-esponent minghand id-Direttur tat-Trasport Pubbliku illi fiha huwa gie mgharraf illi l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta irtiratlu t-*tag* mahruga minnha b'effett immedjat u li ghalhekk ma kienx aktar awtorizzat biex isuq vetturi tat-trasport pubbliku, liema decizjoni ttiehdet ghall-fatt illi l-esponenti gie ssentenzjat

kif fuq jissemma' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (vide Dok. RP3);

Illi permezz tal-ittra tieghu datata 6 ta' Awwissu 2008 (vide Dok. RP4) l-esponenti kkontesta d-direttiva lilu moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ghar-ragunijiet illi:

1) Id-decizjoni tal-Awtorita` fil-konfront tieghu hija legalment skorretta u ngusta peress li l-kawza kriminali ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk ghadha ma ghaddietx in gudikat stante li m'hijiex deciza definittivament ;

2) L-istess decizjoni tmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta (vide **Artikolu 39(9)**) u kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem (**Artikolu 6**) li taghha Malta hija firmatarja, a bazi tal-maxim *ne bis in idem* stante li ebda cittadin ma jista' jigi punit darbtejn ghall-istess reat li allegatament ikun wettaq; u

3) Id-decizjoni tal-Awtorita` hija hafna aghar minn dak moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) stante li l-kastig fuqu issa mpost huwa ntiz li jwaqqfu b'mod permanenti u ndefinit milli jkompli jezercita l-mestier tieghu li minnu biss jaqla' l-hobzna ta' kuljum.

Illi l-esponent sar jaf illi proprju f'Awwissu 2008 l-ufficjali tal-Awtorita` dwar it-Trasport waqfu u hadu fizikament u bil-forza t-*tag* lill-persuna l-ohra li kien akkuzat mieghu fl-istess kawza bir-rizultat li dik il-persuna, u

cioe`, Paul Borg, issa ma jistax jahdem aktar bhala sewwieq fil-qasam tat-trasport pubbliku.

Illi, pero`, l-esponent ghadu fil-pussess fiziku tat-*tag*, tal-white taxi proprjeta` tieghu bin-numru tar-registrazzjoni CTY 093 u tal-licenzja taghha;

Illi fuq dik l-ahbar l-esponent kien pront intavola Mandat ta' Inibizzjoni li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-Awtorita` konvenuta ma tirtiralux it-*tag* tieghu u jew taqbadlu l-vettura tieghu white taxi bin-numru tar-registrazzjoni CTY 093 jew il-licenzja taghha, liema talba giet akkordata skont id-digriet tat-12 ta' Awwissu 2008 meta l-istess Onorabbli Qorti laqghet it-talba limitatament ghat-*tag* u dan sakemm idum pendenti l-appell intavolat mill-esponenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali moghtija fil-25 ta' Lulju 2008. Illi bl-istess digriet din l-Onorabbli Qorti rriservat il-pozizzjoni taghha kif ukoll tal-partijiet ghas-sitwazzjoni li tista' temergi wara s-sentenza msemmija tghaddi f'gudikat finali (vide Dok. RP5);

Illi l-esponent jissottometti illi, ma' dak kollu suespost, bid-direttiva taghha l-Awtorita` dwar it-Trasport agixxiet in vjolazzjoni tal-**Artikolu 39 (2)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta ddecidiet wahedha u minn rajha dak

li ddecidiet u minghajr ma tat smigh xieraq lill-esponent u inoltre l-eghmil tal-awtorita` konvenuta jikser b'mod l-aktar lampanti d-drittijiet naturali tal-esponent partikolarment dak ta' *audi et alteram partem*;

Illi l-esponent jissottometti wkoll bir-rispett li lanqas il-Prosekuzzjoni li ressqitu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma talbet li t-*tag* tieghu tigi rtirata u jew li l-vettura tieghu tigi kkonfiskata;

Illi fl-eghmil amministrattiv l-Awtorita` aggixxiet *ultra vires* u mhux b'mod ragjonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost ser issir hsara kbira lir-rikorrenti u huwa ser ibati pregudizzju rrimedjabbli kemm-il darba l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta ser tithalla tehodlu t-*tag* b'kull mezz li jkun, anke bil-forza, stante li barra li ser twaqqaflu l-unika mezz ta' qliegh u ghajxien tieghu, ser tkun qeghdha bl-aktar mod manifest u sfaccat tivvjolalu d-drittijiet naturali u fundamentali tieghu li huwa jgawdi bhala cittadin Malti u Ewropew;

Dan premess ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti joghgobha sabiex, prevja kull dikjarazzjoni li hi mehtiega skont il-ligi:

1. Tiddikjara li l-eghmil amministrattiv tal-Awtorita` konvenuta kif espress permezz tal-ittra tat-30 ta' Lulju 2008 (Dok. RP4) hu null, invalidu u minghajr effett in kwantu sar bi ksur tal-Kostituzzjoni u hu *ultra vires* skont l-Artikolu 469A(1)(b)(ii)(iii) u (iv);

2. Tiddikjara li l-Awtorita` konvenuta m'ghandha l-ebda jedd li twaqqaf lill-esponenti milli jaghmel uzu bil-vettura taxi bin-numru ta' registrazzjoni CTY 093 u milli tehodlu t-*tag* ta' identifikazzjoni moghtija lilu mill-istess Awtorita` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1245/08 deciz fit-12 ta' Awwissu 2008, kontra l-awtorita` konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

B'risposta intavolata fil-11 ta' Settembru, 2008 l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta eccepiet:

"1. Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija inammissibbli billi, d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 4396A m'ghandhomx japplikaw stante li r-rikorrenti kellu ghad-dispozizzjonijet tieghu procedura apposita u cioe' rimedju fejn seta' jappella mid-decizjoni, mertu tal-kaz odjern, quddiem il-Bord ta' Appelli dwar it-Trasport imwaqqfa mill-Att nru. V tal-2008 u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

"2. illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni tal-awtorita' ntimata mhiex wahda ibbazata fuq diskrezzjoni amministrattiva izda hija decizjoni mehuda fuq bazi u regoli cari, stretti u tassattivi u ghalhekk l-azzjoni kif intavolata u cioe' kif ibbazata fuq l-Artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap. 12 hija inammissibbli u kwindi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

"3. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, id-decizjoni tal-Awtorita' ntimata hija bbazata fuq id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 131 tal-Avviz Legali 65.11 u hija gusta, korretta u legali u ghalhekk ukoll it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

"4. Salvi risposti, eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2008 il-Qorti tal-ewwel istanza ddifferiet il-kawza ghall-udjenza tal-24 ta' Novembru 2008 ghall-provi u trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni. F'dik l-udjenza saret it-trattazzjoni mid-difensuri tal-kontendenti u dan wara li Dr Frank Cassar, ghar-rikorrent, iddikjara li l-klijent tieghu ma kienx appella d-decizzjoni tal-Awtorita` li tirtiralu it-*tag* hekk kif previst fl-Artikolu 131 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Dan l-appell kellu jsir quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport kif provdut fl-Att Nru. V tal-2008 skont ma jinghad fl-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` Dwar it-Trasport.

Wara li semghet it-trattazzjoni l-Qorti ddifferiet l-kawza ghat-30 ta’ Jannar, 2009 *ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.*

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Jannar, 2009 billi, prevja l-akkoljiment tal-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta, illiberat lill-istess Awtorita` mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ghar-rikorrent.

Biex waslet ghad-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**Eccezzjoni preliminari**

“Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom l-intimati wiegbu li l-azzjoni odjerna hija inammissibbli billi r-rikorrent kellu rimedju fejn seta’ jappella mid-decizjoni, mertu tal-kaz odjern, quddiem il-Bord ta’ Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att nru. V tal-2008.

“**Kontestazzjoni**

“Illi r-rikorrent iddikjara b’verbal tal-24 ta’ Novembru 2008 li hu ma kienx appella quddiem il-Bord ta’ Appelli dwar it-Trasport. Hu jsostni li ma hemm ebda procedura ta’ appell li hi obbligatorja fil-Kap. 332 billi l-ligi tipprovdi li wiehed jista’ jappella mhux li ghandu jappella. Hu kellu jipprezenta dina l-kawza wara li kien inhareg mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimati.

“**Kunsiderazzjonijiet**

“Illi l-artikolu 31 tal-Kap. 332 jipprovvdi ghat-twaqqif [ta’] Bord ta’ Appelli dwar it-Trasport biex jisma’ u jiddeciedi -

(*a*) appelli maghmula minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-Awtorità li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka licenza, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenzja;

"Illi skont il-ligi fil-Kap. 332 ir-rikorrent kellu d-dritt li jappella jekk ma jaqbilx mad-decizjoni tal-A.D.T, li irtiratlu it-tag, lill Bord ta' l' Appelli dwar it-Trasport u minn din id-decizjoni tal-Bord ir-rikorrent kellu wkoll dritt ta' appell skont l-Artikolu 14 quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) dwar punti ta' ligi jew ekwità u, jew ksur tal-principji ta' gustizzja naturali. Ir-rikorrent ghalhekk kellu rimedju ordinarju li huwa setgha juza qabel ma jagixxi bil-procedura taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12.

"Il-fatt li r-rikorrent ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni m'ghandux issa jservi bhala raguni ghaliex ma jappellax quddiem il-Bord ta' l' Appelli. Hu kien ghad faddallu rimedji ohra qabel jipprezenta l-mandat ta' inibizzjoni.'

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fit-18 ta' Marzu, 2009 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza appellata filwaqt li tiddikjara li <u>d-decizjoni unilaterali mehuda mill-Awtorita` konvenuta sabiex tirtira t-*tag* tal-appellant hija nulla kif ukoll tiddikjara illi l-istess Awtorita` m'ghandha ebda jedd li twaqqaf lill-esponent milli jaghmel uzu mill-vettura taxi bin-numru ta' registrazzjoni CTY 093 u milli tehodlu t-*tag* ta' identifikazzjoni moghtija lilu mill-istess Awtorita` konvenuta.</u>

Is-sottolinear ta' hawn fuq sar appositament minn din il-Qorti biex jigi enfasizzat il-fatt li ghalkemm is-sentenza fuq riportata kienet, konformement mal-verbali hawn fuq riprodotti, tikkoncerna l-eccezzjoni preliminari – ghalkemm fir-realta` il-process gie determinat biha – l-appellant issa qed jitlob, kif ukoll ser jirrizulta bl-aggravji mressqa, li din

il-Qorti tiddelibera u sahansitra tiddeciedi l-mertu proprju tar-rikors. Dan ma huwiex ammissibbli sew minhabba l-fatt li l-mertu proprju qatt ma gie trattat quddiem l-ewwel Qorti li ghalhekk, korrettament, ma ddecidiet xejn dwaru, u anke minhabba d-dritt tad-*doppio ezame*. Din il-Qorti, ghalhekk, ser tillimita ruhha ghall-konsiderazzjoni ta' dak li gie deciz bis-sentenza appellata.

L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` Dwar it-Trasport tikkunsidra l-inammissibilita` tal-azzjoni odjerna a tenur tal-Artikolu 469A billi r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu procedura apposita a tenur tal-Att V tat-2008 (Kap 332) billi dan kellu l-fakolta` li jappella d-decizjoni tal-Awtorita` quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport.

Din il-Qorti taghmel referenza ghat-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrent fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2008 quddiem l-ewwel Qorti meta, filwaqt li rrikonoxxa l-Bord tal-Appelli mwaqqaf a tenur tal-Artikolu 31 tal-Kap. 332 issottometta li d-dritt moghti lil min ihossu aggravat b'xi decizjoni tal-Awtorita` ma kienx obbligatorju izda 'fakoltattiv' u dik il-persuna hekk agravata setghet taghzel li tadixxi qorti ohra u mhux il-Bord tal-Appelli hekk kostitwit. Inoltre gie sottomess li r-rikorrent kien marbut li jadixxi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili billi hekk kien obbligat li jaghmel wara li ottiena mandat ta' inibizzjoni.

Dawn l-argumenti gew michuda bla ebda riserva mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata billi din irriteniet hekk : '*Illi skont il-ligi fil-Kap 332 ir-rikorrent kellu d-dritt li jappella jekk ma jaqbilx mad-decizjoni tal-A.D.T., li irtiratlu t-tag, lill-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport u minn din id-decizjoni tal-Bord ir-rikorrent kellu wkoll dritt ta' appell skont l-Artikolu 14 quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) dwar punti ta' ligi jew ekwita` u, jew ksur tal-principji ta' gustizzja naturali. Ir-rikorrent ghalhekk kellu rimedju ordinarju li huwa seta' juza qabel ma jagixxi bil-procedura taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12.'* Inoltre l-istess Qorti sostniet li '*Il-fatt li r-rikorrent ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni m'ghandux issa jservi bhala raguni ghaliex ma jappellax quddiem il-Bord tal-Appelli. Hu kien ghad*

*fadallu rimedji ohra qabel jipprezenta l-mandat ta' inibizzjoni.'*

Fl-ewwel aggravju tar-rikors tal-appell ir-rikorrenti appellanti jerga' jinsisti fuq l-istess argument bazat fuq il-kelma '*jista"* li tintuza fl-Artikolu 31(1) tal-Kap. 332 u filwaqt li jirrikonoxxi li persuna aggravata inghatat dan id-dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell jargumenta li dan ma jfissirx li b'daqshekk persuna ghandha tigi prekluza illi tirrikorri quddiem il-Qrati Civili ……'

Din il-Qorti tichad is-sottomissjoni tal-appellant billi taqbel kompletament ma' dak li ntqal fir-rigward fis-sentenza appellata li hija qed taghmlu taghha. Izda mhux biss, din il-Qorti tichad ukoll is-sottomissjoni tal-appellant billi l-istess subartikolu 4 tal-Artikolu 469(A) jipprovdi bl-aktar mod car is-segwenti: '*Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni, jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra'.* La darba l-azzjoni hija bazata fuq il-provvedimenti tal-Artikolu 469A u l-persuna aggravata kellha rimedju moghti lilha bil-ligi kienet korretta l-Awtorita` meta fl-ewwel eccezzjoni osservat li l-<u>azzjoni odjerna hija inammissibbli billi, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A ma ghandhomx japplikaw stante li r-rikorrenti kellu ghad-disposizzjoni tieghu procedura apposita u cioe` rimedju fejn seta' jappella</u> ……'

Dwar l-aggravji l-ohra din il-Qorti m'hija ser tghid xejn billi dawn jolqtu l-mertu tal-kwistjoni li la gie diskuss in prim istanza u anqas u anqas deciz. Din il-Qorti qed tastjeni li tiehu konjizzjoni ta' dawn l-aggravji billi mhux mertu ta' dan l-appell.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell tar-rikorrent tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------